# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors numru 457/12/1 GM**

**Multi Packaging Limited (C 158)**

**v.**

**Thomas Linke u Service & Handel/Trading fur Verpackungsmaschinen RO-Srl (SHV)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija attriċi minn deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Diċembru, 2018, li permezz tagħha ġew miċħuda t-talbiet attriċi, filwaqt li ntlaqgħet il-kontrotalba tal-kumpanija konvenuta.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fid-9 ta' Mejju, 2012, il-kumpanija attriċi fissret li hija xtrat mingħand il-konvenuti magna industrijali *Flexo Printer FFG244 Emba including 1 in-feed centerline, 3 print sections with chamber system, stacker, servo-drive, computer system for setting and database together 2 with conveyors and vacuum systems* u dan għall-prezz ta' mija u ħamsa u sebgħin elf Ewro (€175,000). Tgħid ukoll li hija xtrat l-imsemmija magna wara li l-konvenuti żgurawha illi bi spiża addizzjonali setgħet tiġi mtejba għal waħda li fost affarijiet oħra, tistampa b'sitt kuluri differenti (minflok bi tlieta) u li magħha jkun jista' wkoll jiġi mwaħħal tagħmir li jissejjaħ *rotary die cutter*.

3. Tkompli li tant kien hekk, illi sa minn qabel ma nxtrat il-magna mill-kumpanija attriċi, tħejja pjan dettaljat bejn il-partijiet bi żminijiet speċifiċi ta' meta l-magna kellha tasal f'Malta u tad-diversi stadji sussegwenti tax-xogħlijiet li kellhom isiru fuqha sakemm it-titjib tagħha jkun twettaq kollu. Tisħaq li hija ma kinitx tixtri l-magna inkwistjoni li kieku l-konvenuti ma żgurawhiex li setgħet tiġi mtejba kif ftehmu.

4. Meta wara bosta xkiel u dewmien, il-magna fl-aħħar waslet f'Malta rriżulta li mhux biss il-magna ma setgħetx tiġi mtejba kif miftiehem, talli ma kinitx taħdem bl-istess mod u manjiera bħal f'dik l-okkażjoni meta l-

konvenuti għamlu *test runs* lir-rappreżentanti tal-kumpanija minn Malta u li abbażi ta' dawn il-provi kienet ittieħdet id-deċiżjoni mill-kumpanija attriċi sabiex tikseb il-magna inkwistjoni.

5. Issostni li hija ġarrbet bosta spejjeż u danni minħabba n-nuqqas tal-konvenuti milli jwettqu l-obbligi kuntrattwali tagħhom lejha. Tgħid li għalhekk l-kumpanija attriċi aċċettat il-magna kif konsenjata lilha, b'dan li qiegħda tippretendi t-tnaqqis fil-prezz skont l-istima ta' periti li għandhom jinħatru għal dan l-iskop, jiġifieri skont provi tekniċi dwar in-nuqqas tal-magna u dan riferibbilment għall-fatt li l-magna kif konsenjata ma kinitx taħdem sew fl-istat li kienet, ċjoè anke mingħajr ma jsir l-iċken titjib fuqha; u b'hekk jgħidu li l-konvenuti għandhom iħallsuha tad-danni li ġarrbet minħabba l-fatt li l-magna ma setgħetx tiġi mtejba kif miftiehem.

6. Billi l-konvenuti naqsu milli jwettqu dawn ir-rimedji mitluba mill-kumpanija attriċi, hija kellha tiftaħ dawn il-proċeduri u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi meta l-magna industrijali fuq deskritta ġiet ikkonsenjata lill-kumpanija attriċi mill-konvenuti jew min minnhom, din ma kinitx tal-kwalità mwiegħda fis-sens li ma kenitx tiffunzjona tajjeb u dan indipendentement mill-upgrading li kellu jsir fuqha;*
>
> *2. Tiddeċiedi u tiddikjara li għalhekk hemm lok għar-riduzzjoni tal-prezz stipulat bejn il-kontendenti;*
>
> *3. Taħtar periti ġudizzjarji jekk ikun il-każ sabiex jagħmlu stima li tkun tirrifletti r-riduzzjoni fil-prezz tal-magna industrijali de quo li ġiet effettivament ikkonsenjata lill-kumpanija attriċi tenut kont li tali magna mhijiex tal-kwalità mwiegħda lill-kumpanija attriċi;*

*4. Tirriduċi l-prezz tal-bejgħ tal-magna industrijali mertu tal-kawża billi din mhijiex tal-kwalità mwiegħda lill-kumpanija attriċi bl-ammont hekk stabbilit mill-periti ġudizzjarji;*

*5. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-magna de quo mibjugħa lill-kumpanija attriċi mill-konvenuti anki kieku kienet tiffunzjona tajjeb, xorta waħda ma setgħetx tiġi upgraded kif fuq ingħad u kif kienu assikurawha l-konvenuti jew min minnhom;*

*6. Tiddeċiedi u tiddikjara illi per konsegwenza l-kumpanija attriċi sofriet danni li għalihom iridu jagħmlu tajjeb il-konvenuti jew min minnhom;*

7. *Tillikwida dawn id-danni mġarrbin mill-kumpanija attriċi, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*8. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu lill-kumpanija attriċi dawn id-danni kif hekk likwidati.*

*Dan kollu prevja kull provvediment jew dikjarazzjoni oħra li lilha jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenuti u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tal-konvenut u tar-rappreżentanti ġudizzjarji tal-kumpanija konvenuta, u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-kumpanija attriċi skont il-liġi, anki jekk ikun il-każ quddiem il-qorti kriminali kompetenti.»*

7. Il-konvenuti ressqu risposta maħlufa fit-28 ta' Mejju, 2013 bil-lingwa Ingliża u fiha qalu hekk:

*«1.That in the first place, by way of a preliminary plea, there is no juridical relationship between the plaintiff company and the defendant Thomas Linke as evidenced by the contract of sale dated 19th November 2010 (pages 105 and 106 of the court file) and hence said defendant should be declared to be non-suited with costs against the plaintiff company as he is not the proper defendant in this lawsuit;*

*2.That, subordinately and without prejudice to the above premised, the plaintiff company's claim for damages is manifestly unsustainable and should be rejected given that it has ex-admissis accepted the printer for all intents and purposes at law, thereby forfeiting the right to demand damages in terms of Article 1390 of Chapter 16 of the Laws of Malta;*

*3. That, subordinately and without prejudice to the above premised, the plaintiff company's claim that the "Flexo Printer FFG244 Emba" (hereafter "printer") delivered by the defendant company was not of*

*the quality promised and that there should be a diminution of the price upon a valuation by experts should be rejected as it is manifestly unfounded both in fact and in law as will be amply proved during these proceedings;*

*4. That they have been duly informed of these facts and authorized to file this sworn reply[1];*

*5. Save for such other pleas that may be raised at a later stage of the proceedings in terms of law;*

*6. That defendant company desires to avail itself of the right granted by law in terms of Article 396 of Chapter 12 of the Laws of Malta to set up a counter-claim against the plaintiff company;*

*With costs.»*

8. Il-kumpanija konvenuta ressqet kontrotalba u fissret illi l-kumpanija attriċi għandha tagħtiha s-somma ta' ħamsa u tmenin elf Ewro (€85,000) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz miftiehem permezz tal-kuntratt ta' bejgħ tad-19 ta' Novembru, 2010 għall-magna li ġiet konsenjata lill-kumpanija attriċi, installata u kummissjonata. Tgħid li dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut u ilu biex jitħallas.

9. Għaldaqstant il-kumpanija konvenuta talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. declare that the plaintiff company owes the defendant company the sum of eighty-five thousand euro (€85,000) representing the balance of the total price of one hundred and seventy fine thousand euro (€175,000) agreed between the parties by virtue of the contract of sale dated 19th November 2010 (pages 105 and 106 of the court file) of a "Flexo Printer FFG244 Emba" duly delivered to the plaintiff company, installed and commissioned;*

*2. Condemn the plaintiff company to pay the sum of eighty-five thousand euro (€85,000) to the defendant company;*

---

[1] Ir-risposta inħalfet mill-Avukati tal-konvenuti.

*With interest at the maximum rate or rates in terms of law from the respective due dates referred to in the contract of sale until full and effective payment.*

*With costs against the plaintiff company including the costs of the precautionary garnishee order filed contemporaneously with this counter-claim.*

*With reference to the oath of the representives of the plaintiff company for all intents and purposes at law.»*

10. Il-kumpanija appellanti wieġbet permezz ta' risposta maħlufa tal-14 ta' Ġunju, 2019 bil-lingwa Ingliża u fiha qalet hekk:

*«1. That preliminarily, the defendant company's action is premature, due to the fact that the said defendant company's claimed right of payment is subject to a suspensive condition by means of which the balance claimed would not become due before the arrival of the promised goods and before the lapse of 30 days from the day upon which the installation and commissioning relative to the printer in issue are carried out, as is stipulated in the private writing dated 19th November 2010, and which arrival of goods and "installation and commissioning" have not yet been duly carried out as agreed by the defendant company;*

*2.That without prejudice to the above, the defendant company's claims are unfounded in fact and at law, due to the fact that the defendant company has no right to demand of the plaintiff company the performance of an agreement which the same defendant company has itself manifestly failed to perform, and this on the basis of the principle inademplenti non est ademplendum;*

*3. That without prejudice to the above, the defendant company's claim is unfounded in fact and at law, due to the fact that the printer which was delivered to the plaintiff company was not of the quality stipulated between the parties, which fact entitles the plaintiff company to a reduction in the price stipulated, as has already been claimed by the plaintiff company in its sworn application by means of which these proceedings were commenced;*

*Saving further pleas according to law.*

*With costs against the defendant company, and with reference to the oath of the defendant's company representatives.»*

11. Fid-deċiżjoni tagħha tas-7 ta' Diċembru, 2018, l-Ewwel Qorti

ċaħdet it-talbiet attriċi, laqgħet it-talbiet tal-kumpanija konvenuta mressqa fil-kontrotalba tagħha u kkundannat lill-kumpanija attriċi tħallas l-ammont ta' €85,000 rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz tal-magna mixtrija, bl-imgħax legali mid-dati msemmijin għall-ħlas fil-kuntratt sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż kontra l-istess kumpanija attriċi.

12. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

> «***Evalwazzjoni tal-provi***
>
> ***(i) Dwar l-allegazzjoni tal-attriċi li l-magna li rċeviet ma kinitx l-istess waħda li rat fil-Litwanja:***
>
> *Illi l-attriċi allegat illi jista' jkun li l-magna li ntbagħtet Malta ma kinitx l-istess waħda illi raw topera ġewwa l-Litwanja. Jirriżulta illi waqt l-iżżarmar tal-magna, u waqt il-maġġor parti tat-tagħbija tagħha fil-containers, kien hemm preżenti impjegat tal-attriċi: "u b'xi mod ippakkjajniha ġol-containers. U kien fadal biċċtejn żgur li kienu goffi ma jidħlux fil-container…..Imbagħad it-Tnejn għamilna xi tlett ijiem nitħabtu ma' din il-magna. Jiġifieri l-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd; insomma t-Tnejn kont naf, bdejt nitlob biex niġi lejn Malta";*[2]
>
> *Illi għalhekk m'hemmx dubbju illi l-magna kienet l-istess waħda li l-uffiċjali u impjegati tal-attriċi raw taħdem ġewwa l-Litwanja u l-istess waħda li kienu sodisfatti bl-istampar tagħha. Allura la kienet qed taħdem ġewwa l-Litwanja suppost illi taħdem anki ġewwa Malta; kemm-il darba Thomas Linke jinstallaha u Lard Edlund jarmaha mil-lat elettroniku;*
>
> *Illi punt iehor li hu ferm importanti hu illi l-magna ġiet immuntata ġewwa l-bini tal-attriċi*[3]*. Anton Abdilla li kien għen sabiex tiġi żarmata l-magna ġewwa l-Litwanja jikkonferma illi hu stess installa l-magna fil-post però kien waqaf hemm għax il-lat elettroniku ma kienx kompetenza tiegħu;*
>
> *Illi għalhekk din l-asserzjoni tirriżulta għalkollox gratuwita u qiegħda tiġi skartata minn din il-Qorti;*

[2] Xhieda ta' Anton Abdilla – fol 910.
[3] Kontroeżami ta' Pierre Balzan Demajo 835– fol u l-kontroeżami ta' Lars Edlund – fol 951.

***(ii) dwar il-kwalità tal-magna***

*Illi l-magna ttardjat ma waslet Malta u kif jidher mill-kontroeżami ta' Brian Muscat meta qal li kienu diġà ħadu battikata sabiex tinġieb Malta. Isostnu li dan kien tort tal-konvenut u għalhekk ma ridux ikomplu jħallsuh l-bqija tal-flus dovuti. Dwar dan l-attriċi m'għandhiex raġun l-ewwel għax il-bejgħ sar ex works u t-tieni minħabba li fil-kuntratt hemm stipulat illi anke jekk l-magna tasal tard jew ikollha xi partijiet neqsin jew imkissra, l-ammonti xorta jridu jitħallsu;*

*Illi meta waslet Malta, il-magna ma setgħetx titqabbad. Joħroġ mill-kontroeżami ta' Lars Edlund illi kien hu stess li ddisinja s-software. Il-magna kellha diversi wajers mhux imqabbdin kif suppost. Peress illi l-attriċi ma riditx tkompli tħallas lill-konvenut għax deherilha illi ma għamilx xogħol sew fit-transport tal-magna minn Kaunas għal Malta (minkejja li l-kuntratt kien ex works) l-uffiċjali tagħha bdew jikkuntattjaw biss lil Lars Edlund minflok lill-konvenut. L-attriċi tallega li ppruvat tikkomunika mal-konvenut, iżda ma ġabet ebda prova li bagħtet xi email jew logs ta' telefonati in sostenn ta' din l-allegazzjoni;*

*Illi sadanittant l-attriċi kienet qiegħda f'kuntatt dirett ma' Lars Edlund illi mill-kontroeżami tiegħu ħareġ illi l-konvenut kien għadu ma ħallsux is-sehem tiegħu u mhux talli hekk talli s-segretarja tal-kumpanija kienet qaltlu illi l-attriċi ma kienx baqalha aktar bżonnu. Għalhekk Edlund ħass il-ħtieġa illi jagħmel lilu nnifsu indispensabbli ħalli żgur ma jinqalax 'il barra minn dan in-negozju. (għalhekk bagħat l-email tad-19 ta' Jannar 2011 fejn maqdar il-magna);*

*Illi Edlund jgħid illi l-ħsarat li kellha l-magna kienu elettroniċi u ġraw fil-maġġor parti tagħhom waqt it-trasport. Hu ma setax jirranġaha mil-lat elettroniku għax dak iż-żmien kien qed jaħdem ma' kumpanija kbira u ma kellux permess jagħmel xogħol barra minn dak li kellu. Għaldaqstant, huwa Lars Edlund illi naqas milli jagħmel xogħlu u talli m'għamilx xogħlu, il-kumpanija Taljana kellha tbiddel kollox għax is-software ma kellu l-ebda manwal u għalhekk il-magna qatt ma setgħet titħaddem jekk mhux bl-għajnuna ta' Edlund iżda dan ma setax imiss il-magna għax il-kumpanija li kien impjegat magħha pprekludietu milli jagħmel xogħol apparti;*

*Illi għalhekk qabbad l-attriċi ma' kumpanija Taljana ASTIN sabiex din tal-aħħar tkun tista' ġġib il-magna taħdem u finalment tiġi upgraded kif xtaqet l-attriċi. Iżda r-rotary die cutter ma twaħħlitx mal-magna għax il-kumpanija Taljana kienet tal-fehma illi sabiex ir-rotary die cutter taqta' l-kartun din tagħmel xi vibrazzjonijiet u ċċaqlaq il-makkinarju kollu u anke jekk ikun minimu, l-istampar ma jiġix preċiż. Għalhekk il-kumpanija Taljana biddlet is-software kollu kif intqal fil-kontro-eżami ta' Edlund sabiex setgħet titħaddem il-magna;*

*Illi l-attriċi ma kkuntattjatx iktar lill-konvenuti. Sadanittant ingaġġat direttament is-servizzi ta' Edlund li webbilha li l-magna ma taħdimx fil-*

*parti elettronika tagħha. Dan fil-fatt ma kienx minnu. Wara kollox fil-Litwanja kienet ħadmet perfettament. Edlund seta' ħaddimha; iżda ma kellu ebda interess jagħmel dan, għar-raġunijiet fuq spjegati. Baqa' fl-istess venja meta qabbad lill-kumpannija Taljana biex tagħmel l-upgrade – din ma setgħetx tagħmlu mhux għax il-magna ma kinitx tajba biex tiġi upgraded imma għax l-impjegati tagħha ma kinux jifhmu bil-lingwa li biha kien miktub is-software – lingwa li ċertament Edlund kien jafha għax wara kollox is-software kien għamlu hu;*

*Illi l-attriċi qabbdet espert ex parte li xehed li l-magna ma setgħetx issirilha l-upgrade inkwistjoni.*

***(iii) l-attriċi żammet il-magna mingħajr ma pprotestat***

*Illi jirrizulta barra minn hekk, illi l-attriċi żammet il-magna minkejja li ma kinitx sodisfatta biha. L-attriċi qatt ma għamlet l-ebda ilment lil konvenuti dwar l-allegat nuqqas tal-kwalità pattwita. Kien biss erba' xhur wara, meta ntbagħtet email mill-kumpanija konvenuta f'April 2011 illi l-attriċi qanqlet din il-kwistjoni;*

***Ikkunsidrat:***

***4. Dwar l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna tal-konvenut***

*Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hi illi Thomas Linke mhuwiex il-leġittimu kontradittur billi m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnu u l-attriċi. Jirriżulta li l-kuntratt ta' bejgħ sar bejn il-kumpanija konvenuta Service/Trading fur Verpackungsmaschinen (minn issa 'l quddiem imsejħa "il-konvenuta") u l-attriċi biss u jġib id-data tad-19 ta' Novembru 2010[4], għalkemm fil-fatt ġie ffirmat f'data iktar tard, aktarx fit-3 ta' Diċembru 2010. L-attriċi tilqa' għal dan billi tiċċita l-Artiklu 1347 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula li l-bejgħ jiġi pperfezzjonat dakinhar li jkun hemm qbil fuq l-oġġett u l-prezz. Skont l-attriċi, billi l-akkordju fuq il-magna u l-prezz sar verbalment bejn l-attriċi u l-konvenut f'Novembru 2010, allura l-ftehim sar mal-konvenut. Issostni li meta sar l-akkordju verbali l-konvenut ma ta l-ebda ħjiel li kien qiegħed jinnegozja f'isem il-konvenuta – allegazzjoni miċħuda mill-konvenuti li jirribattu li l-konvenut dejjem innegozja f'isem il-konvenuta billi minn dejjem bagħat il-posta elettronika tiegħu mill-inidirizz elettroniku tal-kumpannija. Illi saħansitra qabel ġie ffirmat il-kuntratt, il-fattura tal-makkinarju ħarġet mingħand il-konvenuta. Kif l-istess ġara fin-nota tal-konsenja[5]. Li jfisser li l-kumpanija attriċi kienet taf, jew messha kienet taf, illi l-bejgħ kien qed isir mill-konvenuta. Il-konvenut Linke ma deher fl-ebda dokument uffiċjali;*

*Illi kien x'kien il-każ qabel id-data li fiha ġie effettivament iffirmat il-kuntratt, huwa ovvju li l-attriċi u l-konvenuta riedu jirregolaw in-negozju ta' bejniethom skont l-istess kuntratt – li jkopri mhux biss l-oġġett*

[4] esibit a fol 105 u 106.
[5] fol 346 u 347.

*mibjugħ u l-prezz, imma wkoll id-data u l-partijiet u ċjoè l-bejjiegħ (il-konvenuta) u x-xerrej (l-attriċi). Kwalunkwe relazzjoni oħra anteċedenti li seta' kien hemm ġiet sostitwita b'dan il-kuntratt u jidher li kien proprju għalhekk li tniżżlet id-data b'lura. Data li l-attriċi qablet magħha u mkien m'allegat li saret minn wara darha jew b'xi żball. M'hemmx għalfejn jingħad li l-kuntratti jsiru in bona fede; u ġaladarba l-ftehim sar mal-konvenuta, u mhux ukoll mal-konvenut, dan il-ftehim għandu jiġi onorat mingħajr tfettiq ta' xejn;*

*Illi l-editio actionis*[6] *fir-rikors ġuramentat hija kollha abbażi ta' kuntratt ta' bejgħ. Mhux leċitu għalhekk għall-attriċi li targumenta, fis-sottomissjonijiet tagħha, li hemm relazzjoni ġuridika bejnha u l-konvenut billi għamlilha ċerti assikurazzjonijiet dwar l-upgrading tal-magna mibjugħa; billi kif ġa ngħad, il-bejgħ sar biss bejn l-attriċi u l-konvenuta u mhux ukoll mal-konvenut. Ankorké hemm din ir-relazzjoni ġuridika, din hija waħda personali bejn l-attriċi u l-konvenut li tmur lil hinn mill-parametri tal-azzjoni kif imfassla mill-attriċi nnifisha u din il-Qorti hija prekluża milli tieħu konjizzjoni tagħha – ne eat iudex ultra petitum partium;*

*Illi għalhekk l-ewwel eċċezzjoni jistħoqqilha li tiġi milqugħa;*

***5. Dwar jekk il-ftehim miktub kienx jinkludi l-upgrade***

*Illi għalkemm il-ftehim verbali mal-konvenut kien li l-magna hi tajba biex isirilha upgrade, ma nsibu l-ebda riferenza ta' dan fil-ftehim bil-miktub. Skont Artiklu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, "jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità." Il-ġurisprudenza ħadet pożizzjonijiet differenti dwar din in-norma. Xi sentenzi jgħidu li l-preżunzjoni msemmija f'din in-norma hija iuris tantum; oħrajn – li jiċċitaw is-sorsi normattivi u ċjoè lill-ġurista Vivante li fuq it-tagħlim tiegħu ġie introdott dan l-artiklu fil-kodiċi tal-kummerċ tagħna – jsostnu li hija iuris et de iure*[7] *filwaqt li skont it-tielet skola ta' ħsieb, il-preżunzjoni, filwaqt li hi qawwija ħafna, tista' tiġi, eċċezzjonalment biss, ribattuta u ċjoè f'dawk l-istanzi fejn wieħed jista' jirribatti dak li hemm miktub; contra scriptum*[8]*. Tajjeb jingħad li f'għadd ta' ordinamenti barranin kontemporanji, iżjed aġġornati mal-esiġenzi tad-dinja tal-lum, ma jidhirx li hemm dispożizzjoni bħal din u anzi jingħad li għandha tingħata prijorità lill-bon sens u l-preżunta intenzjoni tal-partijiet fuq is-sens letterali tal-kuntratti*[9]*. Il-konvenuta, fir-risposta ġuramentata tagħha, ma ċaħditx li kienet pattwita kwalità kif negozjata verbalment, għalkemm għandha paragrafu li jimplika, anke jekk indirettament, dan fin-nota ta' sottomissjonijet tagħha*[10]*. B'danakollu, mill-bqija tal-istess nota, u mill-kumplament tal-atti*

[6] Jiġifieri l-esposizzjoni tal-pretensjoni ġuridika fundament tal-azzjoni.
[7] *Omissis*.
[8] *Omissis*.
[9] *Omissis*.
[10] Para 2.3.4.

*proċesswali, jidher ċar li l-partijiet jaqblu li l-magna kellha tkun tajba biex isirilha upgrade. Dan jirriżulta wkoll mill-kondotta tal-konvenuta wara l-iffirmar tal-kuntratt. Għalhekk minkejja li m'hemm xejn imsemmi fil-kuntratt innifsu, il-Qorti tqis – mingħajr il-ħtieġa li tieħu pożizzjoni fil-konflitt ġurisprudenzjali fuq imsemmi – li hekk kienet il-kwalità miftiehma tal-magna;*

***6. Dwar jekk il-magna kinitx effettivament tajba għall-upgrade***

*Illi għalkemm l-attriċi ppreżentat xhieda u anke espert li l-magna ma kinitx tajba għall-upgrade, din il-Qorti mhix sejra taċċettaha billi: (1) kif fuq spjegat għandha d-dubbji tagħha dwar l-attendibilità ta' din ix-xhieda u (2) l-attriċi ċaħdet lill-Qorti mill-possibiltà tal-aħjar prova – dik li tqabbad espert indipendenti li jeżamina l-magna fl-istat verġni tagħha u ċjoè qabel sarulha alterazzjonijiet estensivi;*

***7. Dwar jekk iż-żamma tal-magna telfitx il-jedd għar-roħs fil-prezz***

*Illi b'danakollu, il-Qorti ma jkollhiex għalfejn tirriżolvi l-kwistjoni jekk il-magna kinitx tajba biex isirilha upgrade jew le, jekk jirriżultalha li l-attriċi aċċettat il-magna u għalhekk tilfet id-dritt li titlob tnaqqis fil-prezz;*

*Illi Artiklu 1390 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li:*

> ***"Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda jew ma tkunx bħall-kampjun li fu u l-bejgħ ikun sar ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti";***[11]

*Illi ingħad fir-rigward li minkejja l-kliem tal-liġi – "iġib biex jikkunsinna" u mhux "ikkunsinna" - il-kunsinna ma tipprekludix l-azzjoni inkwistjoni, sakemm ma jirriżultax li x-xerrej irrinunzja espressament jew taċitament għall-jedd tiegħu għal talba ta' roħs fil-prezz*[12].

*Illi biex ix-xerrej jeħles mir-rabta kuntrattwali li kien daħal fiha li*

---

[11] Insibuh fit-Tieni Ktieb, Taqsima II, Titolu VI, Sub-Titolu I, "Fuq il-Kunsinna". Sub-Titolu II intitolat "Fuq il-Garanzija" huwa maqsum "Fuq il-garanzija tal-pussess paċifiku tal-Ħaġa mibjugħa" u "Fuq il-garanzija għad-difetti li ma jidhrux tal-Ħaġa mibjugħa"
Għandu nota marġinali li tgħid hekk: Ħwejjeġ mhux skont il-kwalità miftiehma jew bħall-kampjun.
Dan l-artiklu qatt ma nbidel. Fil-Kap 23 kien enumerat bħala Art. 1440; fl-Ord.VII.1868 kien Art. 1104.
Fil-Commenti e Fonti all'Ordinanza VII del 1868, Sir Adrian Dingli jikteb hekk: Art. 1101. *Questo e i seguenti 1102-1103 e 1104 originariamente introdotto da Naudi per emenda nel 1859 – Si trovano inesatti nella locuzione e ora corretti come si vedono.*
It-test Taljan kien jaqra hekk*: Se la cosa che il venditore si esibisce a consegnare non è della qualità promessa, o non è eguale al campione sul quale la vendita è stata fatta, il compratore ha la scelta o di rifiutare la cosa e domandare il risarcimento dei danni, o di ricevere la cosa con diminuzione di prezzo a stima di periti*.
Fit-test Ingliż: *"which the seller offers to deliver"*
[12] *Omissis*

*jakkwista l-oġġett mingħand il-venditur, fejn dak l-oġġett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalità mwiegħda, l-aħjar triq li jista' jieħu hi li jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepożitah taħt l-Awtorità tal-Qorti*[13]*. Jekk iżomm l-oġġett, jista' jitqies li rrinunzja għad-dritt tiegħu. Dwar jekk ix-xerrej jitqiesx li rrinunzja jew le, m'hemm l-ebda regola fissa u inflessibbli. Intqal mill-ġurisprudenza tagħna li l-każijiet ivarjaw u huma dipendenti fuq iċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ konkret.*

***Wara l-kunsinna****, tqis li x-xerrej irrinunzja għall-azzjoni meta:*

***(i) għadda ż-żmien bla ma pprotesta***:

*(i-a) il-bejjiegħ talab il-ħlas ta' nċova li kien biegħ lill-konvenut, li talab tnaqqis fil-prezz, u lmenta miegħu bil-fomm xahar u nofs. Il-Qorti qalet li min iżomm merkanzija bla ma jipprotesta, jitqies li jkun sodisfatt biha*[14]*.*

*(i-b) il-bejjiegħ fetaħ kawża kontra x-xerrej għal bilanċ tal-prezz ta' merkanzija. L-ewwel Qorti kkunsidrat li l-konvenut xtara l-lenez u z-zappin mingħand l-attur bil-patt li dan ikun "mit-tajjeb"; kampjun ma wrewhx u meta rċevih mingħand l-attur, sabu ta' kwalità inferjuri li ma timxix ħlief fi żminijiet ta' skarsezza; għax ma jiżbogħx karg. Għaldaqstant il-konvenut ma kienx obbligat iżommu bħala mixtri minnu. Il-konvenut skopra l-kwalità inferjuri xi jumejn jew tlieta wara l-konsenja. Iżda nforma lill-bejjiegħ biss wara sitt ġimgħat. Fil-kummerċ, dan id-dewmien huwa fatali għax-xerrej.*[15]

*(i-ċ) F'kawża dwar prezz ta' flushing cisterns ipprovduta lill-Gvern Ċivili il-Qorti qalet li d-dewmien ta' sitt xhur ma kienx aċċettabbli*[16]*.*

***(ii) ipprotesta biss meta mitlub iħallas il-prezz.***

*Ix-xerrej ma jistax jibqa' jżomm l-oġġett, jagħmel użu minnu anke*

---

[13] ***Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino nomine v.. Pauline Buhagiar nomine***, Appell Ċivili, 28 ta' April, 2000)

[14] ***Eugenio Diacono v Giuseppe Galea*** 07.12.1911 – Corte di Commercio – XVIII.iii.59.......Omissis

[15] ***Frank Borg v Paul Bondin*** – 30.06.1947 – Qorti tal-Appell XXXIII.i.585....*Omissis*

[16] ***Carmel Bajada v Alfred Salomone*** *23.05.1960 Appell ivili XLIV.i.153*: *Wieħed mill-prinċipji li jirregolaw il-materja, meta l-merkanzija tkun baqgħet f'idejn ix-xerrej li ma jkunx ikkura ruħu li jiddepożitaha… hu li l-ebda reklam ma jista' jsir jekk mhux re adhuc integra (****App. Laferla v Dr. Refalo noe*** *26.vi.1908;* ***Mizzi v Dr. Refalo nomine*** *26 ta' Mejju 1911, inediti). Issa ma jistgħax jingħad li dan ir-reklam qiegħed isir re adhuc integra għaliex (a) wara tant żmien mill-konsenja, tkun xi tkun il-prova li jkun irid jagħmel l-appellant nomine, dejjem jibqa' d-dubbju gravi li d-dekors taż-żmien ikun seta' ppriva lill-atturi mill-mezzi biex jaċċertaw il-vera kawża tal-ħsara allegata…*
*Japplika għalhekk a fortiori f'dan il-każ, ta' dewmien minn Settembru 1958 sa April tal-1959, dak li qalet din il-Qorti a propożitu ta' dewmien ta' sitt ġimgħat (hawn ikkwotat lil* ***Frank Borg v Paul Bondin*** *suċċitata)*

*forsi għal ftit taż-żmien, biex imbagħad, meta rinfaċċjata għall-ħlas, tippretendi li sofriet danni[17].*

(***iii) iddispona mill-oġġett:***

*Il-bejjiegħ eċċepixxa li l-pritiża non konformità tal-merkanzija ma setgħetx tiġi mqanqla billi l-attur* ***biegħha qabel ma fetaħ il-kawża u b'hekk għamilha impossibbli li ssir perizja indipendenti*** *mill-Qorti.[18]*

***(iv) biddel in-natura tal-oġġett[19]****;*

***Illi għall-kuntrarju, ma kienx hemm rinunzja meta*** *x-xerrej:*

> *"ilmenta mill-ewwel li l-apparat ma kienx qed jiffunzjona tajjeb u saru diversi inkontri fuq il-yacht biex din tiġi rranġata, imma għal xejn. Saħansitra kien jirriżulta diskrepanza bejn il-koordinazzjonijiet ta' fejn kienet id-dgħajsa kif indikati fuq l-apparat, u meta dawn jitqiegħdu fuq il-mappa, b'periklu ċar għal min ikun qed jopera d-dgħajsa. Testijiet baqgħu jsiru b'mod regolari, iżda ma setax jinstab tarf tal-problema. Is-soċjetà attriċi offriet li tieħu lura l-apparat il-ġdid, u tpoġġi minfloku s-sistema tar-radar li kien qabel fuq il-jott; kieku sar hekk, il-console tal-jott, però, kien jibqa' jidher imqatta', u s-soċjetà attriċi ma riditx tidħol responsabbli għal dan ukoll. Anke wara din il-proposta jidher li saru proposti oħra u saru tentattivi biex l-apparat, forsi b'xi kompromessi, kien jista' jaħdem u jagħti xi forma ta' riżultat utili, iżda kien kollox għal xejn."*
>
> *"**Il-konvenut ma kienx inattiv jew passiv in relazzjoni man-nuqqasijiet riskontrati**, u qatt ma wera li kien qed japprova l-oġġett mixtri. Ma jirriżultax, kif qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża **Dataplot GmbH v. Fahmi,** deċiża fis-17 ta' Ottubru 2008, li r-rimedju magħżul mill-konvenut ġie "mitluf jew paralizzat minn xi atteġġjament jew kondotta tiegħu." Dan mhux każ fejn ix-xerrej riceve la merce e la tratiene senza riclamo (Kollez. Vol. XVIII.iii.59), iżda hu każ fejn il-konvenut xerrej ipprova fuq li pprova jirrimedja u kien jagħmilha ċara mal-venditur li hu ma kienx lest iżomm l-oġġett kif kien. Ma jirriżultax allura li hu tilef id-dritt tal-azzjoni."* [20]

*Interessanti li l-**Konvenzjoni ta' Vjenna** tesiġi, biex ma jintilifx id-dritt, li jsir protest fi żmien raġonevoli[21].*

*Ikkunsidrat:*

### *8. Konklużjoni*

---

[17] ***Robert Bond v. Austin Agius et,*** Appell, 16 ta' April 1993 u ***Nazzareno Cauchi et nomine v. Joseph Baldacchino et,*** Appell, 7 ta' Ottubru 1997 ***- M. A. S. Communications Ltd v The Malta External Trade Corporation Limited et.*** deċiża mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Frar, 2005

[18] ***Gio Maria v M'Angelo*** – 17.01.1911 - Corte di Commercio – XXI.iii.49: ***ed ha in tal modo reso impossibile una vera ed efficace perizia.*** ......*Omissis*

[19] ***Marina Aquasport Ltd. v. Eastern Star Ltd*** - 31 ta' Mejju 2012

[20] ***Dalli v. Patiniott*** – 19.05.2000 - Qorti tal-Appell.

[21] ***Medcomms Ltd v Peter Muscat Scerri*** - 31.01.2014 – Appell (Superjuri).

*Illi l-attriċi żammet il-magna u wżatha għal erba' xhur bla ma pprotestat mal-bejjiegħ; ipprotestat biss meta ġiet mitluba tħallas il-bilanċ tal-prezz. Mhux hekk biss: biddlet in-natura tal-oġġett, billi għamlet upgrading tal-magna li kien jinvolvi l-bdil tas-software kollu, b'mod li issa huwa impossibbli għall-Qorti li tqabbad espert sabiex jiddetermina xi tnaqqis għandu jkun hemm fil-prezz, kemm-il darba ssib li tabilħaqq il-magna ma kinitx tal-kwalità miftiehma, kif irid l-* ***Artiklu 1390*** *fuq imsemmi. Għalhekk l-attriċi, bil-fatt tagħha stess, mhux biss uriet li kienet aċċettat l-oġġett imma wkoll irrendiet impossibbli r-rimedju li tagħtiha l-liġi. Għal din il-Qorti, mhux konvinċenti dak li kkonstataw ta' periti ex parte għaliex il-konvenuta ġiet svestita minn access għall-aħjar prova, u ċjoè relazzjoni fuq il-magna fl-istat verġni tagħha minn esperti indipendenti mqabbdin mill-istess Qorti;*

*Illi r-rinunzja tal-attriċi tfisser li din il-Qorti ma kellhiex għalfejn tkompli tindaga jekk il-magna kinitx tal-kwalità miftiehma jew le, anke jekk mill-provi akkwiżiti ma rriżultalhiex li l-attriċi ppruvat li hekk kien il-każ.*

*9**. Decide**:*

*Għal dawn il-motivi din il-Qorti:*

*(1) tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet tal-attriċi;*

*(2) tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta billi: (i) tiddikjara li l-attriċi għandha tagħtiha s-somma ta' €85,000 bilanċ tal-prezz tal-magna li xtrat mingħand il-konvenuta bil-kuntratt ta' bejgħ tad-19 ta' Novembru 2010 u (ii) tikkundanna lill-attriċi tħallas l-istess somma ta' €85,000 lill-konvenuta.*

*Bl-imgħax legali mid-dati msemmijin għall-pagamenti fil-kuntratt sad-data tal-eventwali ħlas effettiv. Spejjeż tar-rikors ġuramentat u tal-kontro-talba a kariku tal-atturi.»*

13. Il-kumpanija attriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors imressaq fl-24 ta' Diċembru, 2018, b'ħames aggravji.

14. Il-konvenuti wieġbu permezz tar-risposta tagħhom tal-21 ta' Jannar, 2019 u fiha taw ir-raġunijiet għala r-rikors tal-appell għandu jiġi miċħud.

15. Inżamm smigħ fil-25 ta’ Mejju, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. Din hija azzjoni li tnisslet minn kuntratt ta’ bejgħ ta’ magna industrijali. Il-kumpanija attriċi fittxet lill-konvenuti kemm għal tnaqqis fil-prezz tal-istess magna, billi ssostni li ma kinitx tal-kwalità mwegħda, u kif ukoll fittxithom għad-danni li hija tgħid li ġarrbet bħala konsegwenza ta’ dak allegat. Min-naħa tagħha, il-kumpanija konvenuta ressqet kontrotalba li permezz tagħha talbet li l-kumpanija attriċi tiġi kkundannata tħallas il-bilanċ tal-prezz.

17. Qabelxejn, il-prinċipji ġenerali li għandhom imexxu lil din il-Qorti huma dawn li ġejjin.

18. Huwa konkordament paċifiku illi l-obbligu primarju ta’ kull venditur hu dak li jikkonsenja oġġett addett għall-fini tax-xiri tiegħu u, fejn ikun il-każ, skont il-kwalità li l-partijiet ikunu hekk ftehmu (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tat-3 ta’ Ottubru, 2008 fl-ismijiet ***Raymond Azzopardi v. Francis sive Frans Azzopardi****)*.

19. Ġie mtenni fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Marzu, 2012 fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Farrugia v. S & R (Handaq) Ltd***, *«Illi joħroġ mil-liġi wkoll li x-xerrej li jingħata ħaġa li ma tkunx tal-kwalità miftehma mal-bejjiegħ jew li ma tkunx taqbel mal-kampjun, għandu żewġ għażliet: jew li ma jaċċettax il-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jżomm il-ħaġa u jitlob tnaqqis fil-prezz tagħha. Xerrej ma jistax iżomm il-ħaġa, jinqeda biha mqar għal ftit żmien, u mbagħad, meta jkun imfittex biex iħallas prezzha, jitlob id-danni għan-nuqqas ta' adempiment (App. Inf. PS 9.2.2005 fil-kawża fl-ismijiet* **M.A.S. Communications Ltd v. METCO Ltd***).»*

20. F'din l-istess sentenza, il-Qorti fissret, *«Illi problema li minn dejjem tqanqal f'dawn l-azzjonijiet u l-proponibbiltà tagħhom huwa dak dwar jekk il-ħaġa mixtrija kinitx konsenjata jew le. Jidher li din il-kwestjoni ġiet solvuta fis-sens li l-azzjoni taħt l-artikolu 1390 tista' tirnexxi u jista' jintalab it-tħassir tal-kuntratt, ukoll jekk tkun saret il-konsenja tal-ħaġa, dment li x-xerrej ma jkunx tilef tali dritt bil-fatt tiegħu stess (per eżempju, jekk ikun biegħ il-ħaġa jew ikun biddlilha n-natura tagħha) (Ara, per eżempju, P.A. GV 27.6.2001 fil-kawża fl-ismijiet* **Ignazio Anastasi Ltd. v. Maresco Trading Ltd.** *(mhix pubblikata)). Jidher li l-użu tal-ħaġa u l-ilment mingħajr dewmien tax-xerrej lill-bejjiegħ dwar x'ġara waqt tali użu huwa miżmum ukoll bħala element siewi biex jgħin lil wieħed jiddetermina jekk*

*l-azzjoni taħt il-kuntratt hijiex miftuħa lix-xerrej (Ara, per eżempju, P.A. DS 15.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Fenech v. Meilaq** (mhix pubblikata)).»*

21. Il-mankanza tal-kwalità tidħol fid-dixxiplina ordinarja ta' inadempiment kuntrattwali u għalhekk hi konċessa kemm b'azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt kif ukoll b'difiża (ara **Kollez. Vol. XXX P I p 751**; u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tal-11 ta' Jannar, 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Louis de Gabriele noe v. Arcidiacono Mfg. Co. Ltd****)*.

22. Intqal ukoll li, *«It-terminu għall-proponiment ta' azzjoni bħal din, jew biex tiġi eżerċitata l-eċċezzjoni, hu dak ta' sentejn [Artikolu 1407 (1), Kapitolu 16]. Jidher li hu paċifiku illi dan it-terminu "più di una prescrizione costituisce una decadenza o una perenzione"»* (ara **Kollez. Vol. XXIV P II p 629**).

23. Din l-azzjoni jew eċċezzjoni mhumiex sostnuti jekk ix-xerrej, koxjenti mill-fatt illi l-oġġett mhux tal-kwalità pattwita, jżomm l-istess jew jiddisponi minnu, anki in parte. *"Il rifiuto della mercia non è più possibile quando ricevuta la stessa, il compratore ne disponga anche in parte"* (ara **Kollez. Vol. XXI P III p 49; Kollez. Vol. XXXII P I p 163** kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tal-11 ta' Jannar, 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Louis de Gabriele noe v. Arcidiacono Mfg. Co. Ltd****)*.

24. L-azzjoni tax-xerrej dwar in-nuqqas fil-kwalità miftehma tista' tirnexxi, mhux biss meta l-ħaġa konsenjata tkun għalkollox differenti minn dik miftehma jew minn dik murija fil-kampjun, iżda meta l-ħaġa kunsinnata lix-xerrej tkun nieqsa minn xi kwalità essenzjali li tagħmilha mhix tajba għall-użu li għaliha x-xerrej ried jixtriha. Ġeneralment, il-liġi titlob li n-nuqqas tal-qbil fil-kwalità miftehma tal-ħaġa mibjugħa jkun wieħed rilevanti u l-azzjoni ma tirnexxix fejn in-nuqqas li joħroġ ikun marġinali, jekk kemm-il darba, bih u mingħajru, ix-xerrej ikun jista' jinqeda bil-ħaġa mixtrija xorta waħda jew jekk il-ħaġa tkun ta' fejda għax-xerrej minkejja dak in-nuqqas (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Mejju, 2012 fil-kawża ***Morina Aquasport Ltd v. Eastern Star Ltd***).

25. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Mejju, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***John Borg et v. Welcome Auto Dealer Limited et*** intqal li:

> *«Din il-Qorti titlaq biex tgħid li għall-finijiet tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa mifhum li l-frażi "kwalità miftiehma" tirreferi għal: (i) "kwalità jew kwalitajiet li huma essenzjali għall-użu tal-ħaġa"; jew inkella (ii) kwalità jew kwalitajiet "li jifformaw l-oġġett ta' xi impenn kontrattwali speċifiku". F'każ li tonqos xi waħda minn dawn il-kwalitajiet, ix-xerrej huwa mogħni bl-għażla li "jaġixxi għar-riżoluzzjoni jew għar-riduzzjoni tal-prezz" (ara s-sentenzi fil-kawzi fl-ismijiet* ***Joseph Debono u martu Rita v. Uskin Ltd,*** *Appell Inferjuri tat-28 ta' Marzu 2008;* ***Medcomms Limited v. Peter Muscat Scerri****, Appell Superjuri tal-31 ta' Jannar 2014; u* ***World Marketing Services Limited v. Lift Services Limited et****., Appell Superjuri tas-26 ta' Jannar 2022);*
>
> *Minn dan isegwi li sabiex jiġi meqjus sewwa jekk ix-xerrej għandux tassew il-jedd li jitlob il-ħall tal-bejgħ fuq is-saħħa tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16, il-Qorti għandha: (i) l-ewwel u qabel kollox titlaq billi tistħarreġ jekk kienx hemm xi kwalitajiet partikolari li l-kontraenti qablu dwarhom, u dan dejjem fir-rigward tal-ħaġa mixtrija; u (ii) tistħarreġ x'kien l-iskop*

> *li għalih ix-xerrej xtara l-ħaġa, biex b'hekk tqis jekk il-ħaġa mixtrija għandhiex dawk il-kwalitajiet essenzjali sabiex ix-xerrej ikun jista' jużaha bil-mod ta' kif xtaq.»*

26. Illi kif tenniet il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-4 ta' Mejju, 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Christian Farrugia noe v. George Xuereb pro et noe,*** huwa aċċettat illi l-istess dispożizzjoni taqa' fid-dixxiplina tal-inadempiment kuntrattwali u allura kien jinkombi fuq ix-xerrej li jġib prova assikurattiva ta' tali inadempiment.

27. Ngħaddu issa għall-mertu tal-appell. L-ewwel erba' aggravji huma dwar il-kawża preżentata minnha, filwaqt li l-aħħar aggravju huwa dwar dik il-parti tas-sentenza dwar il-kontrotalba tal-kumpanija konvenuta.

28. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>**, il-kumpanija appellanti ssostni li l-konvenut Thomas Linke ma kellux jitqies li mhux il-leġittimu kuntradittur. Tgħid li l-Ewwel Qorti ħelset lill-konvenut Linke għaliex qieset li l-*editio actionis* tagħha kien kollu abbażi tal-kuntratt ta' bejgħ, li però kien konkluż eventwalment bil-kitba bejnha u l-konvenuta u mhux ukoll mal-konvenut. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li mhux leċitu li l-attriċi tiġġustifika l-litiskonsorzju tal-konvenut Linke billi targumenta li huwa kien, fil-kwalità personali tiegħu, ta assikurazzjonijiet lill-attriċi dwar il-possibbiltà li l-magna li kienet xtrat l-attriċi tiġi mtejba, liema assikurazzjonijiet irriżultaw foloz.

29. Madankollu, il-kumpanija appellanti ssostni li l-*causa petendi* ma kinitx ċirkoskritta għall-kuntratt tal-bejgħ biss, iżda wkoll għax-xogħol ta' titjib fuq il-magna mixtrija. Kien il-konvenut Linke li wettaq l-assikurazzjoni li l-magna setgħet titjieb, u din l-assikurazzjoni saret qabel ma ġiet redatta u ffirmata l-iskrittura tal-bejgħ. Fil-mument li taha dawn l-assikurazzjonijiet ma kienx indika li kien qiegħed jaġixxi għan-nom tal-kumpanija konvenuta, bil-konsegwenza li kien preżunt li huwa kkuntratta f'ismu proprju. Għalhekk tgħid li l-Ewwel Qorti ma kellhiex raġun tiddeċiedi kif iddeċidiet. Fissret li għalkemm ir-rimedju ewlieni mitlub minnha huwa t-tnaqqis fil-prezz minħabba kwalità mwegħda nieqsa, hija ddeċidiet talbiet oħra li jmorru lil hemm mill-kuntratt tal-bejgħ. Għalhekk issostni li l-Ewwel Qorti ma fehmitx sew il-portata tal-azzjoni odjerna.

30. Fl-aħħar nett, il-kumpanija appellanti tisħaq li l-unika konsiderazzjoni rilevanti sabiex jiġi determinat jekk konvenut hux leġittimu kontradittur għandha tkun jekk, għat-talbiet u pretensjonijiet dedotti mill-attur għandux iwieġeb il-konvenut jew le u dan irrispettivament jekk l-azzjoni attriċi fil-konfront ta' dak il-konvenut tfallix fil-mertu tagħha.

31. Il-konvenuti appellati laqgħu għal dan l-aggravju billi qalu li l-kumpanija attriċi kienet taf sewwa li kienet qiegħda tikkuntratta mal-kumpanija intimata u mhux mal-konvenut personalment. Thomas Linke

ma setax ibiegħ il-*printer* f'ismu proprju, hekk kif huwa ma setax ibiegħ xi ħaġa li mhux tiegħu. Ikomplu li għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-assikurazzjonijiet dwar it-titjib, mingħajr ħsara għall-argumenti mressqa minnhom, jekk il-kumpanija attriċi kellha xi kwistjoni personali li seta' għamel Thomas Linke setgħet tiftaħ kawża separata għad-danni. Huma sostnew li ladarba din hija azzjoni msejsa fuq l-**Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili** ma tistax tissussisti magħha talba għad-danni kontra terza persuna.

32. Huwa sew magħruf illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinżel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kontrattwali, *extra*-kontrattwali, delittwuż jew akwiljan (ara **Artikolu 959 tal-Kodiċi Ċivili**). Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni mal-oġġett jew it-titlu tal-kawża. Fil-konkret, kif anke rilevat mill-Qorti tal-Appell kolleġġjali fid-deċiżjoni in re: ***Frankie Refalo nomine v. Jason Azzopardi et*** tal-5 ta' Ottubru, 2001, biex il-Qorti tistabbilixxi jekk parti in kawża kinitx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, *"kellha bilfors tivverifika prima facie, jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kenitx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti"* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tat-23 ta' Ottubru, 2009 fil-kawża fl-ismijiet ***Edgar Urpani pro et noe v. Continental Meat Co Ltd***).

33. Minn qari tar-rikors maħluf huwa ovvju li l-azzjoni hija msejsa fuq il-kuntratt ta' bejgħ u fuq il-ftehim dwar it-titjib li kellu jsir fuq il-magna industrijali.

34. Skont l-iskrittura eżebita[22], il-kumpanija SVH biegħet lill-kumpanija attriċi l-magna mertu ta' dawn il-proċeduri għall-prezz ta' €175,000 li tħallsu €90,000 bħala depożitu u l-kumplament kellhom jitħallsu fi tliet pagamenti oħra bil-modalità kif miftehma. Il-kumpanija SVH kellha tgħin sabiex tiġi organizzata l-konsenja tal-magna[23], u kien kuntratt *ex Works.* Din l-iskrittura ġiet iffirmata minn Adrian Bajada għan-nom tal-kumpanija attriċi u minn Cristina Sterie għan-nom ta' SVH. Thomas Linke ma deher imkien f'din l-iskrittura.

35. Mhux kontestat mill-partijiet li l-ewwel sar ftehim verbali għax-xiri tal-magna u għat-titjib tagħha meta rappreżentanti tal-kumpanija attriċi ltaqgħu ġewwa l-Litwanja fil-fabbrika fejn kienet il-magna flimkien ma' Thomas Linke u Lars Edlund. Barra mix-xiri tal-magna u l-istallazzjoni tagħha l-kumpanija attriċi ġiet assikurata minn Thomas Linke, li bi spiża addizzjonali din il-magna setgħet tinbidel minnu, bl-għajnuna ta' Lars Edlund f'magna *six colour printing machine* b'*rotary die cutter.* Il-ħlas għal dan it-titjib kellu jsir lil Thomas Linke li min-naħa tiegħu kellu jħallas lil Lars Edlund.

[22] Dok C f'paġna 161 tal-proċess.
[23] Li nxtrat mil-Litwanja.

36. Il-partijiet għażlu li dan il-ftehim jiġi rifless bil-miktub. Fil-fatt l-iskrittura ta' bejgħ ingħatat data li kienet tmur lura mid-data ta' meta ġiet iffirmata. Għar-raġuni li ma rriżultatx, il-ftehim dwar it-titjib tal-magna ma ssemmix fil-kitba, iżda dan il-ftehim jirriżulta mid-dokumenti u provi li tressqu. Ladarba l-partijiet għażlu li jirregolaw in-negozju ta' bejniethom permezz ta' kuntratt bil-miktub hekk kif qalet l-Ewwel Qorti kwalunkwe relazzjoni anteċedenti li seta' kien hemm ġiet sostitwita b'dan il-kuntratt u tant huwa hekk li tniżżlet id-data b'lura.

37. Il-kwistjoni tibqa' jekk meta Thomas Linke kien qiegħed jinnegozja mal-kumpanija attriċi huwa kienx qiegħed jagħmel dan f'ismu personali jew in rappreżentanza tal-kumpanija.

38. Intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Philip Galea Souchet v. Michael Falla***, Appell Kummerċjali tal-4 ta' Mejju 1973 illi, *"normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu sakemm ma jindikax li qed jikkontratta għal ħaddieħor jew, jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qed jikkontratta għal ħaddieħor"*. Issokta jiġi ppreċiżat illi l-preżunzjoni affermata fis-sentenza appena aċċennata kienet però waħda *iuris tantum* u allura tammetti l-prova kuntrarja (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tad-19 ta' Ottubru, 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Borg Cold Stores (Import & Distribution) Limited v. Mario***

***Pickard et***).

39. Dwar dan il-punt, għalkemm fir-rikors tal-appell il-kumpanija attriċi donnha qiegħda tagħmel differenza bejn il-kuntratt ta' bejgħ u l-assikurazzjoni għat-titjib, fis-sens li kien Thomas Linke li ta din l-assikurazzjoni, fir-rikors maħluf tali distinzjoni ma saritx għaliex l-affermazzjoni hija fil-plural u li tirreferi dejjem għall-konvenuti mingħajr distinzjoni. Barra minn hekk, jirriżulta li anki minn *email*, li ntbagħet mill-kumpanija attriċi fit-12 ta' Novembru, 2010 lil Thomas Linke u lil Lars Edlund, din intbagħet fuq l-indirizz elettroniku tal-kumpanija[24].

40. B'żieda ma' dan, Adrian Bajada għan-nom tal-kumpanija attriċi bagħat *email* fit-30 ta' April, 2011 lil Thomas Linke, fost oħrajn, fuq l-indirizz elettroniku tal-kumpanija SVH billi kien qiegħed iwieġeb *email* mibgħuta minn Cristina Sterie għan-nom tal-kumpanija sabiex jitħallsu l-pagamenti[25].

41. Insibu fil-proċess ukoll korrispondenza dwar il-ħtieġa ta' *parts* biex isir it-titjib[26] u informazzjoni oħra inkluż il-kwistjoni ta' prezz għall-installazzjoni tal-magna u t-tindif tal-magna u din intbagħtet mill-*email* tal-kumpanija konvenuta u maħruġa mill-istess kumpanija[27]. Hemm

---

[24] Dok BM1 u BM2 f'paġna 236 tal-proċess.
[25] Dok TLA1 f'paġna 945 tal-proċess.
[26] Dok BM8 f'paġna 245 tal-proċess.
[27] F'paġni 253 u 254 tal-proċess.

korrispondenza oħra fejn ġara l-istess u anki fatturi ħarġu f'isem il-kumpanija.

42. Jinżel b'hekk, li fuq bilanċ ta' probabbiltà, il-konvenut Thomas Linke pprova li meta kien qiegħed jikkuntratta kien qiegħed jaġixxi f'isem il-kumpanija. Fl-aħħar mill-aħħar, kumpanija trid bilfors tkun rappreżentata minn persuna fiżika iżda b'daqshekk ma jfissirx li dik il-persuna tkun qiegħda tidher f'isimha personali. Fil-każ tagħna rriżulta li bid-dokumenti li ntbagħtu anki qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt il-kumpanija attriċi setgħet indunat u tkun taf li huwa kien qiegħed jitkellem magħha f'isem il-kumpanija konvenuta. Għalkemm il-kumpanija attriċi ppruvat issostni li t-titjib tal-magna saret assikurazzjoni minnu personalment, ma rriżultax li hekk kien.

43. Għalhekk dan l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

44. Ngħaddu issa għat-**<u>tieni aggravju</u>**. Il-kumpanija appellanti ssostni li l-Ewwel Qorti wettqet żball ta' dritt, kif ukoll ta' fatt, meta qieset li l-azzjoni għat-tnaqqis tal-prezz minħabba konsenja mhux ta' kwalità mwegħda ġiet rinunzjata taċitament mill-kumpanija attriċi. Tisħaq li bosta mir-riferenzi ġurisprudenzjali msemmija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ma japplikawx għall-każ inkwistjoni għaliex jittrattaw fattispeċje fejn ix-xerrej, minkejja l-aċċettazzjoni tal-konsenja, ipprova jaġixxi għat-

tħassir tal-bejgħ. Madankollu anki l-ġurisprudenza msemmija fis-sentenza taċċetta li ż-żamma tal-oġġett mixtri ma teskludix lix-xerrej mill-azzjoni għat-tnaqqis fil-prezz.

45. Il-kumpanija appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li kien hemm rinunzja tal-azzjoni min-naħa tagħha minħabba li: (i) hija żammet il-magna u wżatha għal erba' xhur; (ii) hija pprotestat biss meta ġiet imsejħa biex tħallas; u (iii) li l-attriċi biddlet in-natura tal-oġġett b'mod li sar impossibbli għall-Qorti li taħtar espert sabiex jeżamina l-magna.

46. Il-kumpanija appellanti tgħid li hija m'għamlitx użu mill-magna għaliex ma setgħetx tintuża u dan irriżulta mill-provi. Tirreferi għall-*email* li ntbagħtet minn Lars Edlund fid-19 ta' Jannar, 2011 lill-konvenut Linke u lir-rappreżentanti tagħha (f'forma ta' *blind copy)* u li fiha ssemmew bosta diffikultajiet li kien hemm sabiex jitwettaq it-titjib imwiegħed. Il-magna waslet fl-20 ta' Jannar, 2011. Minkejja l-*email*, il-kumpanija attriċi ddeċidiet li ladarba diġà kienet ħallset €90,000, kif ukoll għaliex il-magna kienet waslet, hija kienet se żżomm il-magna. Wara dan il-konvenut Linke qata' kull kuntatt, filwaqt li hija ma ħallsitx il-bilanċ rimanenti u żammet il-kuntatt tagħha ma' Lars Edlund, bit-tama li jgħinha dwar il-magna. Il-magna baqgħet qatt ma tħaddmet. L-istess Edlund ma rnexxielux iħaddimha u laqqagħha mad-ditta Taljana ASTIN. Id-diriġenti tal-kumpanija ASTIN taw parir lill-attriċi li l-magna mixtrija minnha ma

setgħetx tintuża għall-istampar u għall-qtugħ tal-kartun f'daqqa, u għalhekk kien jaqbel li l-magna tintuża għall-istampar biss. Tkompli li f'April 2011, id-ditta ASTIN bagħtet in-nies tagħha biex iħaddmu l-magna kif kienet tħaddmet fil-Litwanja iżda ma rnexxielhomx. Għalhekk ġie deċiż li l-magna tiżżarma kompletament u tintbagħat l-Italja għand id-ditta ASTIN sabiex jitwettqu xogħlijiet estensivi bil-għan li l-magna tkun tista' tiġi armata, imħaddma u mtejba biex tistampa f'sitt kuluri, anki jekk mhux biex taqta' l-kartun.

47. Tgħid ukoll li l-konoxxenza sħiħa tan-nuqqas fil-kwalità mwegħda tal-magna kienet wara li saru diversi tentattivi sabiex il-magna tiġi mtejba. Issostni li hija xtrat il-magna għar-raġuni waħdanija li l-konvenuti assikurawha li setgħet tiġi *upgraded* għal waħda li tistampa b'massimu ta' sitt kuluri u li magħha setgħet teħel *rotary die cutter.* Il-fatt li ma setax isir dan it-titjib sar magħruf lilha fil-bidu ta' April, 2011. Għalkemm mhux minnu li hija ma pprotestatx mill-ewwel u dan meta fl-istess xahar ipprotestat u għarrfet lill-konvenuti b'dan. Għalhekk il-fatt li hija ma pprotestatx voċiferożament mal-konvenuti minnufih mal-konsenja ma jikkostitwixxix rinunzja fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ. Wara kollox ir-rinunzji huma *de stricto iure.* Il-fatt li hija żammet il-magna għal erba' xhur qabel ma f'April 2011 ipprotestat mhux biżżejjed waħdu sabiex jitqies li hija rrinunzjat għad-dritt tagħha.

48. Għal dik li hija t-tielet raġuni msemmija mill-Ewwel Qorti, tgħid li l-ħtieġa li l-oġġett tal-bejgħ jinżamm fl-istat oriġinali tiegħu hija naxxenti mill-ħtieġa li tiġi preżervata l-possibbiltà li dak l-oġġett jiġi stmat għall-finijiet tat-tnaqqis tal-prezz. Isegwi għalhekk li jekk dik il-possibbiltà tibqa' preżervata, il-prinċipju ta' *res adhuc integra* jibqa' onorat, minkejja interventi li setgħu laħqu saru fuq l-oġġett mibjugħ. Tgħid li l-interventi li saru fuq il-magna wara l-konsenja tagħha ma kellhomx l-effett li jestingwu d-dritt ta' azzjoni tal-attriċi għat-tnaqqis fil-prezz. Barra minn hekk, hija ressqet provi dwar il-valur tal-istat oriġinali tagħha permezz ta' xhieda u esperti. Fl-aħħar mill-aħħar targumenta li kull intervent li twettaq sar skont il-ftehim u l-pjan li hija kellha mal-konvenuti stess.

49. L-appellati wieġbu li minkejja l-istampa li tipprova tpinġi l-kumpanija appellanti, l-Ewwel Qorti aċċettat il-fatt li ż-żamma tal-oġġett mixtri ma teskludix lix-xerrej mill-azzjoni għat-tnaqqis fil-prezz. Però tat ir-raġunijiet li wassluha għall-konklużjoni li l-kumpanija appellanti rrinunzjat għall-azzjoni. Jgħidu li l-Ewwel Qorti wettqet analiżi tajba u jekk kien hemm xi ħadd li nkorra 'żball' kienet il-kumpanija appellanti, meta minflok iddeċidiet li timxi mal-iskrittura u mal-obbligi, iddeċidiet unilateralment li tibdel in-natura tal-magna. Fuq kollox tgħid li l-magna ġiet *assembled* u setgħet tiġi installata bħala 3-colour. Ikomplu li l-magna kienet taħdem għax intużat u ġiet eventwalment *upgraded* mill-ASTIN.

50. Sabiex jiġi deċiż dan l-aggravju jkun utli li ssir referenza għall-fatti kif jirriżultaw li seħħew:

- Il-kumpanija attriċi bdiet tinteressa ruħha biex tixtri magna tat-tip *6 colour printing machine* li jkollha bħala parti integrali magħha *a rotary die cutter.* Magna li titħaddem elettronikament permezz ta' kompjuter u li tistampa sa sitt kuluri u tikkonverti f'kaxxi lesti għall-ippakkjar.

- Magna ġdida ta' dan it-tip tiswa mijiet ta' eluf ta' ewro u b'hekk id-diretturi tal-kumpanija attriċi ddeċidew li bl-għajnuna u l-esperjenza ta' Thomas Linke jixtru waħda *second hand* li tkun f'kundizzjoni tajba.

- Lejn l-aħħar tas-sena 2010, Thomas Linke għarraf lill-kumpanija attriċi li kien sab magna *second hand* tat-tip *3-colour printing* ġewwa l-Litwanja. Il-kumpanija attriċi ġiet assikurata wkoll li din il-magna setgħet tiġi *upgraded* għal kif xtaquha huma.

- Thomas Linke kien espert fl-aspett elettroniku sabiex isir it-titjib,u b'hekk kellu bżonn l-għajnuna ta' persuna li tieħu ħsieb l-aspett elettroniku u tas-*software.* Fuq parir ta' Thomas Linke tqabbad Lars Edlund.

❖ Fil-bidu ta' Novembru 2010 Brian Muscat u Pierre Balzan Demajo għall-kumpanija attriċi marru jaraw il-magna ġewwa l-Litwanja. Preżenti fil-fabbrika (apparti ħaddiema mill-fabbrika) kien hemm Thomas Linke u Lars Edlund. Dan tal-aħħar ħaddem il-magna billi stampa xi ftit folji tal-kartun. Il-kumpanija attriċi xtaqet li tara l-magna taħdem fuq produzzjoni iżda qalulhom li ma kienx possibbli. Kienu kuntenti bil-kwalità ta' dak li ġie stampat.

❖ L-għada li raw il-magna saret laqgħa ġewwa Riga li għaliha kien hemm preżenti Pierre Balzan Demajo, Thomas Linke u Lars Edlund u ntlaħaq ftehim verbali li l-kumpanija attriċi tixtri l-magna *3-colour printing machine* mingħand Thomas Linke (li rriżulta li kien qiegħed jaġixxi f'isem il-kumpanija konvenuta) għall-prezz ta' €175,000 b'diversi kundizzjonijiet. Reġgħu ngħataw l-assikurazzjoni li seta' jsir t-titjib fil-magna biex tiġi skont kif kellhom bżonn huma, ċjoè tinbidel f'magna *6 colour printing machine b'rotary die cutter.*

❖ F'din il-laqgħa ftehmu wkoll kif u meta kellu jsir ix-xogħol kollu miż-żarmar tal-magna fejn kienet, sakemm isir l-*upgrading* komplut.

❖ Kif waslu Malta, Brian Muscat bagħat *email* nhar it-12 ta' Novembru, 2010 lil Thomas Linke u lil Lars Edlund ma' liema *email* ehmeż lista tax-xogħlijiet li kellhom isiru u minn min kif ukoll f'liema

perjodu kellhom isiru[28]. Thomas Linke ma weġibx għal din l-*email*, filwaqt li Edlund wieġeb għaliha.

❖ Ġiet mibgħuta *email* oħra mill-kumpanija attriċi fil-15 ta' Novembru, 2010 b'xi preċiżazzjonijiet, għal liema Edlund wieġeb li mhux se jkun hemm problemi.

❖ Fil-25 ta' Novembru, 2010 rappreżentanti tal-kumpanija attriċi telgħu ġewwa Kaunas fil-Litwanja u reġgħu raw il-magna taħdem.

❖ Fis-27 ta' Novembru 2010, Linke bagħat *email* (minn fuq l-indirizz elettroniku tal-kumpanija konvenuta) lill-kumpanija attriċi b'kalkolu tal-ispejjeż tal-parts meħtieġa sabiex isir l-*upgrading*.

❖ Tajjeb jingħad li l-kuntratt ta' xiri tal-magna *3 colour printing* ġie ffirmat wara d-data li tniżżlet fil-kuntratt li kienet 19 ta' Novembru, 2010. Dan jirriżulta minn korrispondenza elettronika bejn il-partijiet.

❖ Jirriżulta wkoll li l-kumpanija konvenuta kellha tgħin fit-tħejjija tal-konsenja tal-magna *ex works* fi żmien erba' ġimgħat mill-iffirmar tal-ftehim. Kull spiża relatata mal-konsenja, assikurazzjoni, installazzjoni u kummissjonar tal-magna kellhom jitħallsu mill-kumpanija attriċi, barra

[28] Dok BM1 u BM2 f'paġna 236 *et seq*.

spejjeż oħra msemmijin. Il-prezz kellu jitħallas billi jitwettaq depożitu ta' €90,000 (tħallas), €20,000 mad-dokumenti tal-bastiment, €20,000 mal-wasla tal-magna u €45,000 fi żmien tlitt ijiem mill-installazzjoni u l-kummissjonar tal-magna. L-aħħar tliet pagamenti ma tħallsux.

Il-partijiet ftehmu wkoll li l-proprjetà tal-magna kellha tibqa' tal-kumpanija konvenuta sakemm isir il-ħlas tal-prezz kollu.

❖ Jirriżulta li kien hemm xi xkiel biex il-magna tasal ġewwa Malta fiż-żmien miftiehem. Tant huwa hekk li parti minnha waslet fit-2 ta' Jannar, 2011 u l-parti l-oħra fl-20 ta' Jannar, 2011.

❖ Fis-17 ta' Jannar, 2011 il-konvenut bagħat *email* lill-kumpanija attriċi sabiex għalissa jħaddmu l-magna bi tliet kuluri mingħajr is-*shaker* u d-*die cutter*. Filwaqt li kiteb ukoll dwar *parts* addizzjonali u kwistjonijiet oħra[29].

❖ Pierre Balzan Demajo ċempel lil Lars Edlund u qallu li ma setgħux iħaddmu l-magna għaliex ma kellhomx appoġġ mingħand il-konvenut u staqsih biex imur Malta sabiex jara s-sitwazzjoni. Edlund ġie Malta u qalilhom li l-magna ma setgħetx taħdem.

[29] Dok BM1 3 f'paġna 252 tal-proċess.

❖ Fid-19 ta' Jannar, 2011 Lars Edlund bagħat *email* lill-konvenut u kkopja lill-kumpanija attriċi bla ma qallu. F'din l-*email* Lars Edlund maqdar il-magna u qal li kien fiha problemi kbar anki biex isir l-*upgrade* fuqha.

❖ Kif qrat din l-*email*, il-kumpanija attriċi tgħid li ħadet xokk iżda ddeċidiet li ladarba ħallset €90,000 kienet se żżomm il-magna.

❖ Ma jirriżultax li l-kumpanija attriċi kkomunikat mal-kumpanija konvenuta.

❖ Il-kumpanija attriċi żammet kuntatt ma' Edlund biss biex jgħinha huwa. Dan qalilhom li huwa kellu kuntatt u relazzjoni tajba ma' kumpanija Taljana – ASTIN. B'hekk dan Edlund tela' ma' rappreżentant tal-kumpanija attriċi ġewwa l-Italja.

❖ Fl-aħħar ta' April, 2011 il-kumpanija ASTIN bagħtet nies tagħha biex jippruvaw iħaddmu l-magna kif kienet meta rawha f'Kaunas u ma rnexxielhomx. Jidher li l-problema prinċipali kienet is-*software* tagħha.

❖ Jirriżulta mill-iskambju ta' *emails* tal-11 ta' April, 2011 minn Brian Muscat lil Lars Edlund, ikkupjata lil Pierre Balzan Demajo u lil Adrian Bajada[30] fejn kiteb hekk:

> *«During Mr Ernesto's visit last week we discussed the ongoing and the proposed project with him. He immediately advised us that the old RDC is not suitable for the new 3 colour machine and if we want this machine to produce good printing it should be left as a printing machine only not as proposed by Thomas to combine both things together. This means that both the new RDC and the shaker will not be used for this project, we will have to find a way to make it feasible and combine something for these units.*
>
> *He recommended as follows:*
>
> *1) The 3 colour Emba will be used only as a Printing machine*
>
> *2) It will be shifted to a different place so as to be in a clean area*
>
> *3) To purchase a Bobst die cutter as originally planned*
>
> *4) In the future we will extend the 3 colour to 5 colour + varnish*
>
> *5) IR drying is definitely needed to get a good printing job»*

❖ Mill-affidavit ta' Renato Copelli jirriżulta li l-ewwel il-magna ġiet irranġata biex taħdem biex tistampa bi tliet kuluri u dan ix-xogħol sewa lill-kumpanija attriċi l-ammont ta' €250,000[31].

❖ Ġie deċiż li l-magna tiġi żarmata u ntbagħtet l-Italja għand l-ASTIN. Sar xogħol estensiv fuqha u ġiet *upgraded* għal waħda li tistampa b'sitt kuluri mingħajr ma twaħħal magħha *rotary die cutter.* Mid-dokument anness mal-affidavit ta' Renato Copelli jirriżulta li biex

---

[30] Dok BM 16 f'paġna 261 tal-proċess.
[31] Dok RC3.

sar dan ix-xogħol fuq il-magna sewa lill-kumpanija attriċi l-ammont ta' €450,000.

❖ Dawn l-ammonti ma ġewx ikkontestati.

❖ L-istess Renato Copelli fl-affidavit tiegħu qal li l-magna kif mixtrija kellha valur ta' €50,000. Din il-valutazzjoni ma ġietx ikkontestata.

❖ Fis-16 ta' April, 2011 Cristina Sterie f'isem il-kumpanija konvenuta kitbet lil Pierre Balzan Demajo fejn qaltlu illi għadhom ma tħallsux.

❖ Adrian Bajada għall-kumpanija attriċi wieġeb lura b'*email* tat-30 ta' April, 2011 u avża illi l-kumpanija attriċi ma kinitx se tħallas għaliex ma wasalx dak li kienu mwiegħda, u għaliex il-magna ma setgħetx titwaħħal magħha *rotary die cutter* u b'hekk il-magna li xtraw ma setgħetx tintuża għall-iskop li xtrawha. Kompla li l-installazzjoni kienet għadha ma seħħitx u għalhekk ġarrbet danni.

51. Hekk kif ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru, 2003 fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Spiteri v. Associated Supplies Limited*** fejn il-konvenut kien għażel li jżomm l-oġġett lilu

konsenjat u jitlob tnaqqis fil-prezz, *«Din tidher li kienet għażla għaqlija anki għaliex jinsab ferm dibattut kemm jista' x-xerrej jitlob b'suċċess ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ wara li jkun ġa rċieva l-oġġett vendut. A propositu tagħmel qari interessanti ferm fuq il-materja s-sentenza tal-Onor. Maurice Caruana Curran tal-10 ta' Ġunju, 1965 fil-kawża fl-ismijiet* ***Emmanuela Calleja v. Joseph Grech****.»*

52. Intqal li *«jekk il-kompratur jagħżel li jżomm l-oġġett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreaġixxi skont kif trid il-liġi għall-fatt li dak l-oġġett ma jkunx skont il-kampjun jew tal-kwalità pattwita, l-kompratur ikun qiegħed jippreġudika irrimedjabbilment il-pożizzjoni tiegħu»* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta' Lulju, 2019 fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Louis Buhagiar v. UCIM Co Limited***).

53. Ta' siwi huma l-konsiderazzjonijiet li saru mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2008 fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Tar-Robba Limited v. Kalabardi Construction Limited***. Il-kwistjoni kienet dwar konsenja ta' konkos. Wara li l-Qorti fissret il-modalità ta' kif issir il-konsenja u x'inhu importanti għas-saħħa tiegħu, qalet li b'dan it-tip ta' materjal huwa mistenni li l-ilment jitressaq lis-*supplier* filwaqt opportun meta jinqala' s-suspett dwar il-konsistenza tal-konkos. Tenniet li *«F'dak il-mument meta ġie aċċertat id-difett fil-kwalità u twaqqfu l-ħlasijiet tal-prezz, is-soċjetà konvenuta "irripudjat" il-bejgħ kif kien dritt tagħha li tagħmel. Dan ir-rifjut*

*ġeneralment għandu jsir mal-konsenja però, meta l-oġġett konsenjat mhux prattiku li jiġi eżaminat f'dak il-mument, kif inhu f'dan il-każ, hu tempestiv ir-riġett li jsir hekk kif l-oġġett jiġi eżaminat fil-waqt opportun.»*

54. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-31 ta' Jannar, 2014 fil-kawża fl-ismijiet ***Medcomms Limited v. Peter Muscat Scerri*** fissret:

> *«Isegwi mill-premess li ż-żamma waħedha min-naħa tax-xerrej tal-ħaġa mixtrija m'hijiex ta' xkiel għas-suċċess tal-azzjoni taħt l-Artikolu 1390. Hija ż-żamma tal-oġġett mingħajr reklam ta' nuqqasijiet, jew mingħajr impenn serju dirett lejn soluzzjoni li tista' twassal għat-telfien tal-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 1390. Irid jirriżulta li x-xerrej "tilef dan id-dritt bil-fatt tiegħu stess", u dan jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-każ u mhux biss mill-fatt li x-xerrej żamm għandu l-oġġett in vendita.*
>
> *.....*
>
> *Il-konvenut ma kienx inattiv jew passiv in relazzjoni man-nuqqasijiet riskontrati, u qatt ma wera li kien qed japprova l-oġġett mixtri. Ma jirriżultax, kif qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza* ***Dataplot GmbH v. Fahmi****, deċiża fis-17 ta' Ottubru 2008, li r-rimedju magħżul mill-konvenut ġie "mitluf jew paralizzat minn xi atteġġjament jew kondotta tiegħu." Dan mhux każ fejn ix-xerrej "riceve la merce e la tratiene senza riclamo" (Kollez. Vol. XVIII. III. 59), iżda hu każ fejn il-konvenut xerrej ipprova fuq li pprova jirrimedja u kien jagħmilha ċara mal-venditur li hu ma kienx lest iżomm l-oġġett kif kien. Ma jirriżultax allura li hu tilef id-dritt tal-azzjoni.»*

55. Din il-Qorti għarblet il-provi u d-dokumenti mressqa fid-dawl tal-liġi u tal-ġurisprudenza u tqis li l-Ewwel Qorti kellha raġun tasal għall-konklużjoni li l-kumpanija attriċi bl-imġieba tagħha rrinunzjat għall-azzjoni, b'dan li jeħtieġ li jiġi ppreċiżat dak li se jsegwi:

(i) Fil-prinċipju, il-kumpanija attriċi b'riħet l-**Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili** kellha dritt li tagħżel li żżomm il-magna u titlob tnaqqis fil-prezz.

(ii) Fil-każ inkwistjoni, il-kumpanija attriċi sa mid-19 ta' Jannar, 2011 (qabel ma waslet il-magna kollha u meta hija kienet ħallset €90,000) kellha diġà xamma li l-magna li kienet fi triqitha lejn Malta seta' kellha diversi problemi.

(iii) Għalkemm ir-rappreżentanti tal-kumpanija attriċi xehdu li kienu ilhom snin jaħdmu ma' Thomas Linke u kien hemm relazzjoni ta' fiduċja, għażlu li joqogħdu fuq *email* ikkupjata lilhom bil-moħbi mingħand Lars Edlund. Ma dehrilhomx li almenu kellhom jiffaċċjaw lil Thomas Linke dwar dak li nkiteb fuq l-*email*.

(iv) Il-kumpanija attriċi ma ħallsitx żewġ pagamenti ta' €20,000 il-wieħed lill-kumpanija konvenuta anki jekk il-magna waslet f'Malta.

(v) Il-kumpanija attriċi ħadet id-deċiżjoni li ddaħħal fin-nofs lill-kumpanija oħra, ASTIN, sabiex issewwi l-magna industrijali u twettaq l-*upgrade* fuq l-istess, b'dan li ma setax jitwaħħal *rotary die cutter.* Ma jirriżultax li f'xi ħin sejħet lill-kumpanija konvenuta biex joqogħdu mal-

ftehim riżultanti mill-*emails*. Lill-kumpanija konvenuta ħarġitha barra mix-xena.

(vi) It-tibdil li sar fil-magna kien wieħed sostanzjali, b'dan li anki nbidel is-*software* tagħha.

(vii) Mhux biss, il-magna industrijali ttieħdet barra minn Malta mingħajr ma nġab permess minn qabel mill-kumpanija konvenuta, hekk kif miftiehem bejniethom, u dan meqjus il-fatt li l-partijiet kontraenti qablu li l-magna kellha tibqa' proprjetà tal-kumpanija konvenuta sakemm titħallas kollha.

(viii) Irriżulta mill-*email* ta' Brian Muscat li l-kumpanija attriċi fil-bidu ta' April tas-sena 2011 kienet diġà taf li l-magna mixtrija ma setgħet qatt tkun taħdem kif xtaqitha hija, jiġifieri bir-*rotary die cutter* magħha. Minkejja dan iddeċidiet li tibqa' għaddejja bit-tibdiliet kollha miftehma mad-ditta Astin u ma qalet xejn lill-kumpanija konvenuta b'dak li kien qiegħed jiġri.

(ix) Kien biss wara li Cristina Sterie bagħtet l-*email* għall-ħlas li l-kumpanija attriċi fl-aħħar ta' April tas-sena 2011 wieġbet li ma kinitx se tħallas billi l-magna ma kinitx tal-kwalità mwiegħda.

(x) Huwa minnu li fl-ewwel xhur il-magna ma ntużatx (mhux kif qalet l-Ewwel Qorti).

(xi) Kif rajna, iż-żamma tal-magna fiha nfisha mhux ta' xkiel li tiġi esperita azzjoni bħal din tal-lum flimkien mal-fatt li t-terminu ta' sentejn ma kienx għadda.

(xii) Madankollu fil-każ tagħna s-sitwazzjoni kienet definittiva għall-kumpanija attriċi b'mod definittiv fil-bidu ta' April, 2011 hekk kif irriżulta mill-iskambju tal-korrispondenza elettronika li saret referenza għaliha aktar kmieni. Il-kumpanija appellanti, għar-raġunijiet li hija biss taf, għażlet li tibqa' lura milli twassal l-oġġezzjoni tagħha lill-kumpanija konvenuta hekk kif saret taf li l-magna setgħet tiġi *upgraded* iżda mhux kif xtaqet hija fil-bidu nett.

(xiii) Huwa minnu li ma komplitx tħallas il-pagamenti li kienu dovuti, iżda meta titqies l-imġieba tal-kumpanija attriċi li oġġezzjonat mal-kumpanija konvenuta biss fl-aħħar ta' April, 2011 meta ħmistax-il ġurnata qabel il-kumpanija attriċi ntalbet il-ħlas. Il-kumpanija appellanti saħansitra ħalliet ħmistax-il ġurnata biex twieġeb u twassal l-ilment tagħha dwar il-magna.

(xiv) Fuq kollox, kif irriżulta, inbidel is-*software* kollu tal-magna u ġiet *upgraded* kif fuq imfisser. Il-Qorti hija konxja tal-fatt li parti mill-ftehim kien li se jsir xogħol fuq il-magna sabiex tiġi *upgraded*, b'dan li l-kumpanija attriċi għażlet li tibqa' għaddejja bil-pjan tagħha tal-*upgrade*, ma avżatx lill-kumpanija konvenuta, meta kienet taf li l-magna hekk kif imtejba xorta waħda ma kinitx se tkun kif mixtieqha.

(xv) Ġie miżmum fis-sentenza fl-ismijiet ***Clorinda Caruana vs Anne Agius*****,** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2001:

> *«Illi fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 563A(1) tal-Kap 12, il-prova mressqa b'opinjoni ta' espert ex parte hija llum il-ġurnata ammissibbli bħala prova. Biex dan iseħħ, il-liġi tisħaq li l-persuna li tittella' bħala xhud ikollha l-kwalifiki meħtieġa dwar il-kwistjoni li tixhed dwarha. Minbarra dan, il-liġi tħalli xorta waħda fid-diskrezzjoni tal-Qorti d-dritt li ma taqbilx mal-konkluzjonijiet tal-istess perit (ara artikolu 563A(3) u 681 tal-Kap 12) jew li taħtar perit hija stress skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 646.»* (ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Valle Del Miele Limited v. Raphael Aloisio et***, deċiża fit-30 ta' Ottubru, 2009)

(xvi) Filwaqt li l-kumpanija appellanti għandha raġun issostni li l-fehma tal-espert imressaq minnha u ta' Renato Coppini huma ammissibbli bħala prova, huwa ovvju li l-Ewwel Qorti ma skartatx l-istess perizja bħala prova inammissibbli. Dak li l-Ewwel Qorti qalet kien, li tant inbidlet in-natura tal-magna li hija nġabet fl-impossibilità li taħtar espert sabiex jeżamina l-magna kif kienet. Din il-Qorti tista' tifhem lill-Ewwel Qorti għaliex tant inbidlet in-natura tal-magna li anki sabiex l-istess Qorti setgħet tixtarr u tevalwa l-prova mressqa mill-kumpanija attriċi ma kellhiex mod kif tikkonstata u/jew tikkontrasta jekk

verament il-magna kinitx fi stat daqstant mhux tajjeb kif imfisser, b'dana li kien diffiċli għaliha li tiddeċiedi u tiddetermina xi tnaqqis fil-prezz seta' jkun hemm. Barra minn hekk, l-istess tibdil sostanzjali jagħti x'tifhem li l-kumpanija appellanti laqgħet il-magna mingħajr riżervi għaliex li kieku ma kienx hekk kienet timxi mod ieħor. L-argument li l-kumpanija attriċi kellha l-obbligu li timminimizza d-danni mhux f'loku meta l-kwistjoni kollha kienet jekk il-magna kinitx se tinżamm bil-jedd għal tnaqqis fil-prezz jew jekk kienx se jintalab il-ħall tal-kuntratt.

(xvii) Fuq kollox filwaqt li r-rappreżentanti tad-ditta ASTIN ikkonfermaw li l-magna kellha bosta problemi, dawn il-problemi jidher li nstabet soluzzjoni għalihom u l-magna ġiet *upgraded* (għalkemm mhux bir-*rotary die cutter* magħha) tant li l-kumpanija attriċi ppreżentat dokumentazzjoni li turi kemm din il-magna fl-aħħar mill-aħħar jista' jsir xogħol produttiv u lukrativ permezz tagħha. Il-kumpanija attriċi ħallset il-flus għal dan it-titjib, liema spejjeż kellhom fi kwalunkwe każ jitħallsu separatament mill-prezz tax-xiri tal-istess magna.

(xviii) Magħdud ma' dan kollu, hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-figura ta' Lars Edlund m'għenet xejn fis-sitwazzjoni bejn il-partijiet. Jidher li Lars Edlund kien qiegħed iġib fuq quddiem l-interessi personali tiegħu meta jitqies kif xehed – l-ewwel jgħid li l-*email* tad-19 ta' Jannar, 2011 bagħatha għal skop; imbagħad fl-affidavit imressaq bħala parti mill-

provi tal-konvenuti qal li fl-*email* kien qiegħed jeżaġera, biex imbagħad waqt il-kontroeżami tiegħu xehed li għaliex ma kienx tħallas mingħand il-konvenuti jew min minnhom beda jipprova jagħti l-impressjoni li ma kienx jaf x'fih l-affidavit u ried jgħin lill-kumpanija attriċi. Kien huwa li beda jgħid li kien hemm bosta problemi fil-magna. Kien huwa li kkomunika mal-kumpanija Taljana ASTIN u beda jipprova jagħti l-impressjoni li l-għajnuna tiegħu kienet indispensabbli u għalhekk dan kollu tefa' wkoll dell fuq l-entità tal-ħsarat jew nuqqasijiet tal-magna.

56. Għaldaqstant dan it-tieni aggravju qiegħed jiġi miċħud.

57. Ladarba din il-Qorti sabet li t-tieni aggravju ma kienx siewi, tista' tieqaf hawn għal dak li għandu x'jaqsam mat-talba prinċipali, ċjoè **<u>t-tielet u r-raba' aggravji</u>**. Jingħad biss li dwar it-**<u>tielet aggravju</u>**, din il-Qorti diġà trattat il-punt meta kienet qiegħda tikkunsidra t-tieni aggravju. Dwar ir-**<u>raba' aggravju</u>**, aktar minn kollox il-kumpanija appellanti tirreferi għal siltiet mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, li hija ssostni li l-istess Qorti fehmet jew mod ieħor għarblet il-provi ħażin. Din il-Qorti jidhrilha li fl-assjem kollu, l-Ewwel Qorti mxiet sew għal dak li għandu x'jaqsam mat-talbiet tal-kumpanija appellanti.

58. Ngħaddu issa għall-**<u>aħħar aggravju</u>**. Il-kumpanija appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti naqset għalkollox milli tqis l-eċċezzjonijiet kollha

mressqa minnha dwar ir-rikonvenzjoni tal-kumpanija konvenuta, b'mod partikolari dik tal-intempestività tal-azzjoni u dik ta' *inademplenti non est ademplendum.* Tgħid li l-Ewwel Qorti wara li qieset li t-talbiet attriċi kellhom jiġu miċħuda, għaddiet biex tikkonkludi, mingħajr eżami tal-eċċezzjonijiet tagħha, li l-kontrotalba kien jistħoqqilha li tintlaqa'. Tkompli li dan in-nuqqas kien ikun negliġibbli li kieku l-eċċezzjonijiet tagħha kienu jistrieħu biss fuq il-mertu tal-azzjoni prinċipali dedott minnha fl-istess kawża. Però dan ma kienx il-każ. Fl-eċċezzjonijiet tagħha għall-kontrotalba hija marret lil hemm mill-mertu tat-talbiet attriċi fl-azzjoni prinċipali, tant li preliminarjament eċċepiet l-intempestività tat-talbiet rikonvenzjonali billi skont il-kuntratt ta' bejgħ li fuqu l-kumpanija konvenuta sejset il-kontrotalba tagħha, kien hemm kundizzjoni sospensiva li kienet ta' xkiel għall-ħlas pretiż mill-kumpanija konvenuta.

59. B'żieda ma' dan, il-kumpanija rikonvenzjonata tgħid ukoll li hija eċċepiet id-difiża ta' *inadimplenti non est ademplendum,* u b'hekk l-Ewwel Qorti kellha tikkunsidra jekk il-kumpanija konvenuta onoratx l-obbligi tagħha fil-konfront tal-kumpanija attriċi. L-Ewwel Qorti ma daħlitx f'tali konsiderazzjoni meta kkunsidrat l-azzjoni prinċipali, billi dehrilha li kellha tagħmel hekk għaliex ikkonkludiet li l-attriċi rrinunzjat għall-azzjoni tagħha.

60. Tkompli tgħid li l-eċċezzjonijiet li ġew injorati fis-sentenza appellata

mhumiex fost dawk li l-**Artikolu 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jsemmi bħala dawk l-eċċezzjonijiet li għandhom jiġu deċiżi b'kap għalihom. Minkejja dan, tgħid però li n-nuqqas tal-Ewwel Qorti milli tqis dawk l-eċċezzjonijiet huma raġuni gravi għall-kumpanija attriċi, billi kkawżalha preġudizzju serju fis-smigħ ta' proċediment li jiddetermina d-drittijiet u l-obbligi ċivili tagħha. Tgħid li s-sentenza għalhekk hija milquta min-nullità u għandha tiġi mħassra.

61. Il-kumpanija appellata ma qalet xejn dwar dan l-aggravju ħlief li għandu jiġi miċħud.

62. Ħarsa lejn is-sentenza turik li huwa minnu li l-Ewwel Qorti, wara li ċaħdet it-talbiet attriċi, għaddiet mill-ewwel biex tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija appellanti mingħajr ma qieset apparti l-eċċezzjonijiet minnha mressqa.

63. Intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar, 2021 fil-kawża fl-ismijiet ***Rowena Mamo v. Landgate Limited et*** li, *«Jibda billi jiġu osservati xi prinċipji regolatorji bħal li huwa dejjem meħtieġ li l-Qrati jagħtu r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħhom (**Artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**) u li kull dikjarazzjoni deċiżiva jew obbligatorja għandha tkun fid-dispożittiv tas-sentenza (**Artikolu 219 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**). Hekk ukoll, huma biss dawk l-eċċezzjonijiet maħsuba taħt l-*

***Artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li għandhom jiġu deċiżi b'kap għalihom qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu u li din il-Qorti m'għandhiex tilqa' eċċezzjoni ta' nullità ta' sentenza, jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha (**Artikolu 790 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**).»*

64. F'din l-istess sentenza, il-Qorti tal-Appell kompliet tfisser li:

> *«Trattati dawn il-provvedimenti tal-liġi, tajjeb li jingħad li filwaqt li huwa ideali li l-Qrati jindirizzaw it-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti f'kawża b'mod raġunat, sabiex kull parti fil-kawża tkun taf ir-raġuni għaliex talba jew eċċezzjoni tkun ġiet milqugħa jew miċħuda, ma jfissirx li kwalunkwe nuqqas iwassal għan-nullità tas-sentenza. Tant hu hekk li huwa ritenut, li l-prinċipju li jirriżulta mill-provvediment fl-**Artikolu 218**, mhux xi wieħed assolut, u għalhekk in-nullità għandha tkun konsegwenza eċċezzjonali. Inoltre, kif ritenut:*
>
> > "*in-nullità ta' sentenza m'għandiex tiġi attiża jekk is-sentenza tkun sostanzjalment ġusta*" (**Vol XXX pI p953**).
>
> *Hekk ukoll jinsab ritenut li, il-ġudikant m'huwiex tenut li joqgħod iqis kull prova singolarment, iżda jibbasta li jqis il-provi fil-kumpless tagħhom u jindika l-elementi li fuqhom hu jkun ser jibbaża l-konklużjonijiet tiegħu. Il-fatt li l-ġudikant ma jelaborax dwar ċertu aspetti tal-provi, ma jfissirx li l-ġudikant ma jkunx ikkunsidrahom jew iddelibera dwarhom, jew li ma jkunx iddeċieda b'kuxjenza sħiħa u konsapevolezza ta' dawk il-fatti jew aspetti lilu sottomessi. Wara kollox, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Marzu, 2005, fil-kawża fl-ismijiet **Robert Aġius v. It-Torri Interiors Limited**:*
>
> > *"…il-volontà tal-ġudikant tittiehed anke mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-dispożittiv ma għandux jittieħed separatament mill-motivazzjoni, iżda għandu jiġi minn din definit u spjegat (**Kollez. Vol. XXX P I p 131; Vol. XXXVIII P I p 51**);"»*

65. Terġa' u tgħid, il-liġi tagħmilha ċara li biex tista' tintlaqa' s-sejħa ta' nullità ta' sentenza, jeħtieġ li min jallega dan, juri li sentenza bħal dik kienet imsejsa fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq in-nuqqas ta'

ċitazzjoni, jew fuq l-illeġittimità tal-persuna jew li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti tkun iddeċidiet fuq ħwejjeġ li ma ntalbux (*extra petita*) jew dwar aktar minn dak li ntalab (*ultra petita*) jew li tkun milquta minn kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq (**Art. 790 tal-Kap 12**). Minkejja dan, u b'ħarsien tal-prinċipju li sa fejn jista' jkun sentenza m'għandhiex titħassar b'mod leġġer u b'ħeffa jekk kemm-il darba tista' tkun salvata (App. Ċiv. 7.10.1991 fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia v. Manager Water Works Department*** (Kollez. Vol: LXXV.ii.446), l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ma tintlaqax jekk jintwera li ma tirriżultax xi waħda miċ-ċirkostanzi li ssemmew qabel u jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Jannar, 2021 fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Bonnici v. Maria Magdala Sultana).***

66. Din il-Qorti tibda billi tosserva li kull Qorti fis-sentenzi tagħha għandha tqis kull talba u eċċezzjoni li jkollha quddiemha u tagħti raġuni għad-deċiżjoni li tkun waslet għaliha. M'hemmx għalfejn tkun raġuni dettaljata għal kull punt li jitqajjem, iżda għandu jkun hemm motivazzjoni sabiex parti tkun taf għalfejn qiegħda tittieħed dik id-deċiżjoni u dan ukoll biex jingħata saħħa lill-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

67. Meqjus dan kollu, l-Ewwel Qorti rreferiet kemm għat-talbiet u għall-eċċezzjonijiet u għall-kontrotalba u l-eċċezzjonijiet għall-istess fil-parti tal-bidu tas-sentenza tagħha. Irreferiet ukoll għall-provi u siltet minnhom il-

fatti li rriżultaw u waslet għall-konklużjoni li l-kumpanija attriċi rrinunzjat għall-azzjoni tagħha. Din il-Qorti qablet mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti.

68. Dwar l-eċċezzjonijiet imressqa, jibda billi jiġi osservat li l-eċċezzjoni tal-intempestività tal-azzjoni hija waħda ta' natura dilatorja u għalhekk għandha titqajjem u tiġi mistħarrġa fil-bidu tal-kawża. Fil-każ li titressaq tali eċċezzjoni, l-piż tal-prova jaqa' fuq il-konvenut li jressaqha fuq il-massima li *reus in excipiendo fit actor*, u huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li s-soltu jaqgħu fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu f'kawża ċivili. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għall-eċċezzjoni ta' intempestività huwa dak li jeħles lill-parti konvenuta milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li jingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-prinċipju li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Ottubru, 2019 fil-kawża fl-ismijiet ***Laylay Company Limited v. Paul Mizzi***).

69. Fil-każ tagħna, il-kumpanija attriċi sostniet li l-azzjoni mressqa mill-kumpanija konvenuta permezz tal-kontrotalba kienet intempestiva billi kien hemm kundizzjoni sospensiva li kienet ta' xkiel għall-ħlas pretiż mill-istess kumpanija. Il-kundizzjoni sospensiva li qiegħda tirreferi għaliha kienet il-klawżola fil-kuntratt dwar kif kellu jsir il-ħlas għall-magna. Issostni li l-konvenuti naqsu milli jissodisfaw il-kundizzjoni marbuta mal-ħlas tal-

prezz billi naqsu li jissodisfaw il-kundizzjoni dwar l-installazzjoni u l-kummissjonar tal-magna.

70. Illi għalkemm il-kumpanija appellanti għandha raġun tgħid, kif diġà ngħad, li l-Ewwel Qorti ma semmiet xejn dwar din l-eċċezzjoni waqt li kienet qiegħda twettaq il-konsiderazzjonijiet tagħha, madankollu huwa ovvju li ladarba l-Ewwel Qorti kkunsidrat u ddeċidiet li l-kumpanija appellanti bl-imġiba tagħha stess ġiet li rrinunzjat għall-azzjoni. Ma jridx jintesa li l-magna ġiet installata u kkummissjonata minn kumpanija terza qabel il-preżentata tal-kawża prinċipali b'deċiżjoni unilaterali tal-kumpanija attriċi mingħajr ma sejħet lill-kumpanija konvenuta jew avżatha. Dan ifisser allura li l-ħlas huwa dovut.

71. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-eċċezzjoni tal-*inadimplenti non est ademplendum,* il-kumpanija appellanti tgħid li n-nuqqasijiet imwettqa mill-konvenuti huma parti integrali mill-ftehim li huma kellhom magħha, huwa imputabbli lilhom u huma wkoll ta' entità tali li jiġġustifikaw li l-attriċi wkoll ma twettaqx dak li ntrabtet li tagħmel.

72. Huwa magħruf li «*ir-rekwiżiti tal-eċċezzjoni 'inadimplenti non est adimplendum' huma tlieta: (i) l-inadempjenza tal-attur li tolqot xi obbligazzjoni tiegħu trid tkun parti integrali mill-ftehim; (ii) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur; u (iii) irid ikun hemm*

*proporzjonalità bejn l-inadempjenza tal-partijiet u ċjoè li n-nuqqas tal-attur relattivament għall-prestazzjonijiet li huwa jesiġi mill-konvenut tkun ta' ċerta gravità* (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tal-20 ta' Ottubru, 2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Engineering Services Ltd v. Reuters Malta Ltd****;* u ta' din il-Qorti tat-12 ta' Frar, 2016 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Demicoli et noe v. Angelic Mifsud pro et noe***).

73. Anki hawnhekk għalkemm l-Ewwel Qorti ma speċifikatx li kienet qiegħda titratta din l-eċċezzjoni, biss però meta jitqies il-konsiderazzjonijiet u l-motivazzjonijiet li wettqet l-allegazzjoni li l-kumpanija konvenuta naqset mill-obbligi kuntrattwali tagħha tqieset mill-Ewwel Qorti.

74. Fid-dawl ta' dan kollu u fid-dawl li din il-Qorti tqis li ladarba s-sentenza hija ġusta fis-sustanza tagħha, dan l-aggravju wkoll qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-kumpanija MultiPackaging Limited u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-kumpanija appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da